# Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet

## Magistrat Francesco Depasquale

**Seduta taʼ nhar l-Erbgha sebgha u ghoxrin (27) taʼ Settembru 2017**

**Rikors Numru 54/80 FDP**

**Kummissarju ta' l-Art u, b'digriet tal-24 ta' Mejju 2017,**
**l-atti gew assunti mill-Awtorita tal-Artijiet**

**vs**

**Salvino Testaferrata Moroni Viani, Mario Testaferrata Moroni Viani, Beatrice testaferrata Moroni Viani, Maria Testaferrata Bonici, George Byron, Eileen Fsadni, Edith Zerafa, Marcelle Bonnici Mallia, Maria Denaro, Victor Denaro, Christine Denaro, Helena Denaro, Victor Denaro, Ines Calleja, Lt Col Anthony Cremona f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Mary Benvenuti, Dr John F Cremona MD, Joseph Scicluna, Corinne Ramsay u Mignon Marshal;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' Marcelle Bonnici Mallia, li mietet fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' John Bonnici Mallia, Louisette de Conti Sant Manduca, Anna Meli Bugeja, Victoria Camilleri, Maria Carmela sive Charmaine Attard, lkoll ahwa Bonnici Mallia, u Margaret Bonnici Mallia bhala uzufruttwarja tal-mejjet Paul Bonnici Mallia kif ukoll Simon Bonnici Mallia u Michael Bonnici Mallia, eredi tal-mejjet Paul Bonnici Mallia;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward tal-Kavallier Victor Denaro li miet fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Victor Denaro, Christine sive Christianne Wirth nee Denaro, Helena Denaro u John Bonnici Mallia, Louisette de Conti Sant Manduca, Anna Meli Bugeja, Victoria Camilleri, Maria Carmela sive Charmaine Attard, lkoll ahwa Bonnici Mallia, u Margaret Bonnici Mallia, Simon Bonnici Mallia u Michael Bonnici Mallia;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' Maria sive May Denaro li mietet fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Victor Denaro, Christine sive Christianne Wirth nee Denaro, Helena Denaro;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' John Francis Cremona il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Alfred Cremona, Diana Cremona u Susan Vella Bardon;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' George Byron  il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Edith Zerafa, Ines Calleja, Mary Paolini u l-eredi ta' Eileen Fsadni, ossija Ivan Fsadni, Marika Fsadni u helga Consiglio, lkoll ahwa Fsadni;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' Anthony Gerald Cremona il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Kathleen vom Schloss, Peter Cremona, Jennifer Zammit u David Cremona;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' Eileen Fsadni il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Ivan Fsadni, Marika Fsadni u Helga Consiglio, lkoll ahwa Fsadni, li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016;**

**u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2016, ghar-rigward ta' Mario Testaferrata Moroni Viani il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani, Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani.**

**u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2017, ghar-rigward ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono;**

**u b'digriet tas-17 ta' Jannar 2017, ghar-rigward ta' Maria Testaferrata Bonici nee Testaferrata Moroni Viani il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono;**

**u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2017, ghar-rigward ta' Maria Corinna Ramsay Scicluna il-gudizzju gie trasfruz fil-persuna ta'  Marie Christiane Ramsay Pergola;**

**u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2017, ghar-rigward ta' Joseph Scicluna il-gudizzju gie trasfruz fil-persuna ta' Marie Christiane Ramsay Pergola;**

**u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2017, ghar-rigward ta' Salvino Testaferrata Morini Viani il-gudizzju gie trasfruz fil-persuni ta' Christopher Testaferrata Moroni Viani u l-Avukat Dr Martin Testaferrata Moroni Viani bhala eredi u Monika Testaferrata Moroni Viani bhala uzufruttwarja.**

Il-Bord:-

Ra ir-rikors ippresentat mill-Kummissarju ta' l-Art fis-sena 1980 fejn ippremetta illi permezz ta' Ittra Ufficjali datata 28 ta' Awissu 1980 l-intimati gew notifikati b'kopja ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali ta' Malta fejn, fost affarjiet ohra, gie dikjarat li bicca art f'Hal-Qormi tal-kejl ta' 4,895.6 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tas-sinjura Dolores Falzon, mill-Punent parti ma' propjeta tas-Sur John Aquilina u parti tas-Sur Mario Testaferrata Moroni Viani u mill-Grigal u minn Nofsinhar ma' propjeta ta' Messrs Scicluna Estate u ohrajn hija mehtiega ghall-skopijiet pubblici u l-akkwist taghha ghandu jkun b'xiri assolut.

Illi l-intimat gew wkoll notifikati  b'Avviz ghall Ftehim fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq

imsemmija hija ta' sitt mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm653.25), kif jidher mir-rapport peritali tal-Perit John Spiteri datat 1 ta' April 1974.

Illi b'ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 1980, l-intimati Salvino Testaferrata Moroni Vianci, Mario Testaferrata Moroni Viani, Beatrice testaferrata Moroni Viani, Maria Testaferrata Bonici, George Byron, Eileen Fsadni, Edith Zerafa, Marcelle Bonnici Mallia, Maria Denaro, Victor Denaro, Christine Denaro, Helena Denaro, Victor Denaro, Ines Calleja, Lt Col Anthony Cremona f'ismu proprju u bhala mandatarju tal-assenti Mary Benvenuti, Dr John F Cremona MD, iddikjaraw illi ma kienux qed jaccettaw il-kumpens u talbu illi l-kumpens ikun ta' ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000).

Illi b'ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru 1980, l-intimata Corinne Ramsay iddikjarat illi ma kienetx qed taccetta l-kumpens u talbet illi l-kumpens ikun ta' ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000).

Illi b'ittra ufficjali tad-19 ta' Settembru 1980, l-intimati Joseph Scicluna u Mignon Marshal iddikjarat illi ma kienux qed jaccettaw l-kumpens u talbu illi l-kumpens ikun ta' tnax-il elef Liri Maltin (Lm12,000).

Kien ghalhekk illi r-rikorrenti talab lill-Bord jordna lill-intimati biex jittraferixxu b'titolu ta' xiri assoluta bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa l-kumpens relattiv u jinnomina nutar biex jippubblika l-kuntratt f'data u hin stabbilit mill-Bord kif ukoll jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci, u dana skond id-disposizzjonjiet tal-Kap 88 (gia Kap 136).

Ra l-istima tal-artijiet maghulha mill-Perit John Spiteri fl 1 ta' April 1974 (fol 3), l-pjanta tal-art in kwistjoni (fol 4), in-Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali (fol 5), l-Avviz tal-Ftehim datat 28 ta' Awissu 1980 (fol 10-11), u l-Ittri Ufficjali ta' l-intimati datati 16 ta' Settembru 1980 (fol 7) u 19 ta' Settembru 1980 (fol 8 u 9) rispettivament.

Ra kopja tal-kuntratt datat 4 ta' Novembru 1977 presumibbilment esebit mil-intimati fil-proceduri originali (fol 12).

Ra ir-rikors ta' l-intimati ippresentat fid 9 ta' Marzu 2015 fejn qalu s-segwenti:

> *Illi fit 28 ta' Jannar 1997 dina l-kawza giet differita sine die pendenti l-ezitu tal-kawza citazzjoni 194/1997 fl-ismijiet 'Agnes Gera De Petri testaferrata Bonici Ghaxaq et vs Il-Kummissarju tal-Art.*
>
> *Illi dik il-proceduri giet deciza fit 3 ta' Ottubru 2003 kif jirrizulta mis-sentenza relattiva, u minnha ma gie interpost l-ebda appell kif jidher mic-certifikat anness.*
>
> *Illi ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li dina l-kawza tigi ri-appuntata sabiex titkopla t-trattazzjoni taghha skond il-Ligi.*

Ra illi dana il-Bord, diversament ippresjedut, fit 30 ta' April 2015 ghamel is-segwenti digriet:

> *Jirrileva illi minkejja diversi tentattivi sabiex jinstab il-process 54/80, dan jirrizulta fin-negattix u dan huwa mehtieg sabiex il-Bord jkun jista jirrippunta l-kawza ghas-smiegh.*
>
> *Jirrileva wkoll illi fil-process 194/97, hemm kopja parzjali tar-rikors 54/80 izda ma hemmx il-verbali tas-seduti li tant huma mehtiega.*

*Ghalhekk f'dan l-istadju jordna notifika lill-Kummissarju tal-Art li jkollu zmien gimgha biex jirrispondi.*

Ra illi l-Kummissarju tal-Art baqa qatt ma irrisponda.

Ra illi dana il-Bord, kif kompost, permezz ta' digriet datat 25 ta' Jannar 2016 appunta l-kaz ghas-smiegh ghas 27 ta' Jannar 2016.

Ra illi fl-4 ta' April 2016 l-intimati, permezz ta' nota, ippresentat ir-rikors promotur inkluz digriet ta' appuntament ghas-smiegh datat 3 ta' Novembru 1980, Pjanta tal-art, kopja tal-Avviz tal-Ftehim datat 28 ta' Awissu 1980 u kopja tad-Dikjarazzjoni tal-President, Avviz Nru 536, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Gunju 2015 (fol 50).

Ra illi fit 13 ta' April 2016 ir-rikorrent ippresenta kopja tal-Avviz Nru 536, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Gunju 2015.

Ra illi fit 13 ta' April 2016 il-Bord appunta lill-Periti Alan Saliba u Elena Borg Costanzi sabiex jassistuh u jaghmlu r-rapport taghhom.

Ra illi fit 23 ta' Mejju 2016 l-Membri tal-Bord ippresentaw ir-rapport taghhom u l-partijiet inghataw erbgha gimghat sabiex jaghmlu d-domandi taghhom in eskussjoni.

Ra id-domandi in eskussjoni tar-rikorrent illi saru fil 21 ta' Gunju 2016 (fol 63), illi ghalihom l-Membri Teknici rrispondew fis 7 ta' Novembru 2016 (fol 93)

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' <u>Marcelle Bonnici Mallia</u> ghal fuq John Bonnici Mallia, Louisette de Conti Sant Manduca, Anna Meli Bugeja, Victoria Camilleri, Maria Carmela sive Charmaine Attard, lkoll ahwa Bonnici Mallia, u Margaret Bonnici Mallia bhala uzufruttwarja tal-mejjet Paul Bonnici Mallia kif ukoll Simon Bonnici Mallia u Michael Bonnici Mallia, eredi tal-mejjet Paul Bonnici Mallia li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 65).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti tal-<u>Kavallier Victor Denaro</u> ghal fuq Victor Denaro, Christine sive Christianne Wirth nee Denaro, Helena Denaro u John Bonnici Mallia, Louisette de Conti Sant Manduca, Anna Meli Bugeja, Victoria Camilleri, Maria Carmela sive Charmaine Attard, lkoll ahwa Bonnici Mallia, u Margaret Bonnici Mallia bhala uzufruttwarja tal-mejjet Paul Bonnici Mallia kif ukoll Simon Bonnici Mallia u Michael Bonnici Mallia, eredi tal-mejjet Paul Bonnici Mallia li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 69).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' <u>Maria sive May Denaro</u> li kellha l-uzufrutt ghal fuq Victor Denaro, Christine sive Christianne Wirth nee Denaro, Helena Denaro li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 72).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' <u>John Francis Cremona</u> ghal fuq Alfred Cremona, Diana Cremona u Susan Vella Bardon li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 75).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' <u>George Byron</u> ghal fuq Edith Zerafa, Ines Calleja, Mary Paolini u l-eredi ta' Eileen Fsadni, ossija Ivan Fsadni, Marika Fsadni u Helga Consiglio, lkoll ahwa Fsadni, li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 79).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Anthony Gerald Cremona ghal fuq Kathleen vom Schloss, Peter Cremona, Jennifer Zammit u David Cremona, li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 82).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Eileen Fsadni ghal fuq Ivan Fsadni, Marika Fsadni u Helga Consiglio, lkoll ahwa Fsadni, li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 85).

Ra illi fil 25 ta' Ottubru 2016 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Mario Testaferrata Moroni Viani ghal fuq Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani, Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani u Jane Testaferrata Moroni Viani, li gie akkordat fis 27 ta' Ottubru 2016. (fol 88).

Ra illi fit 18 ta' Jannar 2017 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Beatrice Testaferrata Moroni Viani ghal fuq Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono, li gie akkordat fis 17 ta' Jannar 2017 stess. (fol 97).

Ra illi fit 18 ta' Jannar 2017 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Maria Testaferrata Bonici nee Testaferrata Moroni Viani ghal fuq Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Caren Preziosi u Anna Maria Spiteri Debono, li gie akkordat fis 17 ta' Jannar 2017 stess. (fol 108).

Ra illi fl-1 ta' Marzu 2017 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Maria Corinna Ramsay Scicluna ghal fuq Marie Christiane Ramsay Pergola, li gie akkordat fis 17 ta' Jannar 2017 stess. (fol 123).

Ra illi fl-1 ta' Marzu 2017 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ta' Joseph Scicluna ghal fuq Marie Christiane Ramsay Pergola, li gie akkordat fis 17 ta' Jannar 2017 stess. (fol 137).

Ra illi wara li finalment saru l-legitimazzjonijiet tal-atti kollha, fl-1 ta' Marzu 2017 il-kawza thalliet ghas-sottomissjonijet finali.

Ra is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentati fil-21 ta' April 2017.

Ra illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2017 il-Bord laqa t-talba tar-rikorrent illi l-atti odjerni tal-Kummissarju tal-Art jigu assunti mill-Awtorita tal-Artijiet stabbilita a tenur ta' l-Kap 563 tal-Ligjiet ta' Malta intitolat Att Dwar l-Awtorita' Tal-Artijiet,

Ra illi fit-30 ta' Gunju 2017 gie ppresentat rikors ghat-trasfuzzjoni ta' l-atti ulterjuri, din id-darba ta' Salvino Testaferrata Morini Viani ghal fuq Christopher Testaferrata Moroni Viani u l-Avukat Dr Martin Testaferrata Moroni Viani bhala eredi u Monika Testaferrata Moroni Viani bhala uzufruttwarja, li gie akkordat fit 30 ta' Gunju 2017 stess. (fol 145).

Ra illi fil 5 ta' Lulju 2017 l-intimati iddikajraw illi strahu fuq il-provi illi kien hemm u l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza.

Ra illi, stante illi s-sidien ma' talbux illi l-proceduri odjerni jigu decizi skond id-disposizzjoni tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta intitolat Att Dwar Artijiet tal-Gvern illi dahal in vigore fil-25 ta' April 2017, a tenur ta' l-Artikolu 78 ta' l-istess Kap 573 il-proceduri odjerni "*ghandhom jkunu regolati bil-ligijiet sostantivi li kienu fis-sehh qabel il-bidu fis-sehh*" tal-Att 573, jigifieri a tenur ta Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra illi fl-5 ta' Lulju 2017 il-kawza, wara illi kienet li nbdiet ftit anqas minn sebgha u tletin (37) sena qabel, thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi fit-3 ta' Mejju 1974, saret Dikarazzjoni tal-Gvernatur Generali in rigward ta' bicca art f'Hal-Qormi tal-kejl ta' 4,895.6 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma' propjeta tas-sinjura Dolores Falzon, mill-Punent parti ma' propjeta tas-Sur John Aquilina u parti tas-Sur Mario Testaferrata Moroni Viani u mill-Grigal u minn Nofsinhar ma' propjeta ta' Messrs Scicluna Estate u ohrajn, fejn gie dikjarat illi dina l-art kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici u gew akkwistata b'titolu ta' xiri assolut. (fol 50).

Jirrizulta illi fil-28 ta' Awissu 1980 intbghatet Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u l-Avviz ta' Ftehim fejn l-intimati gew mgharrfa bil-fuq imsemmija Dikjarazzjoni u illi kien qed jigi lilhom offrut kumpens ghax xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fuq imsemmija fl-ammont ta' sitt mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm653.25), kif jidher mir-rapport peritali tal-Perit John Spiteri datat 1 ta' April 1974.

Jirrizulta illi permezz ta' tlett ittra ufficjali datati 16 ta' Settembru 1980 u tnejn 19 ta' Settembru 1980, l-intimati iddikjaraw illi ma kienux qed jaccettaw il-kumpens u filwaqt li l-intimati Joseph Scicluna u Mignon Marshall talbu Lm12,000, l-intimat l-ohra lkoll talbu Lm10,000 bhala kumpens.

Jirrizulta illi fil-11 ta' Gunju 2015, permezz ta' Avviz nru 536 giet ippubblikata Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fejn, ai fini tal-Att I tal-2006, gie dikjarat illi l-kumpens offrut kien ta' elf, hames mija u wiehed u ghoxrin Euro u sitta w sittin centezmu (€1,521.66).

Jirrizulta illi l-**Periti Elena Borg Costanzi** u **Alan Saliba**, li gew appuntati sabiex jassistu l-Bord fit 13 ta' April 2016, wara illi ghamlu access fid 9 ta' Mejju 2016, ippresentaw ir-rapport taghhom fit 23 ta' Mejju 2016.

Jirrizulta illi l-Periti Membri ghamlu s-segwenti osservazzjonijiet:

> *"PUNT 1 - KWALITA TAL-ART: L-art fil-kwistjoni tinsab fejn illum hemm zvilupp residenzjali konsistenti f'numru ta' 'terraced houses' fuq Triq ir-Rignu u Triq id-Dragun fl-inhawi maghrufa bhala 'Ta' Farzina' f'Hal Qormi. Galadarba l-art fil-kwistjoni ttiehdet fis-sena 1974, skont id-dispozizzjonijiet tranzitorji f'Artikolu 36 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta), id-data relevanti sabiex tigi stabbilita l-kwalita tal-art gnandha tkun id-data tad-Dikjarazzjoni originali tal-President (cioe' s-sena 1974) <u>skont il-kriterji li ikunu stabbiliti bil-ligi dak iz-zmien</u> (cioe' dawk tal-faccata fuq triq u tad-distanzi minn 'built-up area' u mhux il-kriterji aktar ricenti cioe' dawk tal-iskema tal-bini u xi zvilupp jista jsir fuq l-art). Mill-pjanta L.D.336/73/B fl-atti jirrizulta li l-art fil-kwistjoni ma kenitx f 'built-up area' jew fid-distanza stabbilita mill-istess u gnalhekk, fit-termini tal-Ordinanza, l-art ghandha tigi klassifikata bnala agrikola.*
>
> *PUNT 2 - DATA TAL-ISTIMA: Skont Artikolu 27(1)(b)(i) tal-Ordinanza, il-valur tal-art ghandu jitqies bhala l-valur fid-data tan-notifika tad-Dikjarazzjoni tal-President, li mhux kontestat f'dan il-kaz hija Settembru 1980.*

*PUNT 3 - SENTENZI:*

*A. Skont sentenza ta' dan il-Bord tad-09 ta' Jannar 2013 (Rikors Numru 3/1995) inghata kumpens ta' €2.08 kull metru kwadru glial art simili li tinsab fuq in-nafia l-ohra ta' Triq l-Imdina (fejn illum hemm zvilupp simili formanti parti mill-'Building Development Area') ibbazata fuq is-sena 1985.*

*B. Skont sentenza ta' dan il-Bord tas-17 ta' Frar 2016 (Rikors Numru 1/2009) inghata kumpens ta' €2.07 kull metru kwadru ghal art simili li wkoll tinsab fuq in-naha l-ohra ta' Triq I-Imdina (fejn hemm zvilupp simili formanti parti mill-'Building Development Area') ibbazata fuq is-sena 1983.*

*PUNT 4 STIMA: L-esponenti Membri Teknici kkunsidraw dan kollu, il-lokalita u kif ukoll id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-valur gust li din l-art b'kejl ta 4895.6 metri kwadri kienet iggib fis-suq kieku giet mibjugtia bhala libera u franka minn sidha volontarjament f'Settembru 1980 ikkunsidrata bhala agrikola jammonta ghal disat elef, seba' mija u wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmi (€ 9,791.20) ekwivalenti ghal zewg Euro kull metru kwadru (€2.00/m.kw)*

Jirrizulta illi, fuq domandi in eskussjioni tar-rikorrent, il-Membri Teknici kkonfermaw illi huma kkonsidraw sentenzi dwar artijiet simili fl-istess lokalita ta' Hal Qormi u mhux dawk indikati mir-rikorrent (7/96 u 25/99) illi kienu jirrigwardaw art gewwa l-Mosta.

Jirrizulta illi, wara li qies id-dokumentazzjoni kollha ppresentata quddiem il-Bord fil-process illi gie rikostruwit quddiemu mill-partijiet, kif ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-abbli membri Teknici tal-Bord, dana il-Bord ma jara ebda raguni ghalhiex ma ghandhux iqies bhala tieghu l-konkluzjonijet originali ta' l-abbli Esperti Teknici tal-Bord fl-ottika tal-limitazzjonijiet imposti fuqu bil-Ligi.

**Ikkunsidra**

Il-Bord, ghalhekk, jasal ghas-segwenti konkluzjonijet:

- L-art ghandha titqies bhala art agrikola.
- Id-data tat-tehid tal-pussess ta' l-art ghandu jitqies illi huwa it-17 ta' Mejju 1974, ossija gimghatejn wara id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali datata 3 ta' Mejju 1974.
- Il-kumpens xieraq ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' l-art meritu tal-kawza odjerna ghandu jkun ta' disat elef, seba' mija u wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmi (€ 9,791.20) ekwivalenti ghal zewg Euro kull metru kwadru (€2.00/m.kw)
- L-imghax ghandu jiddekorri mis-17 ta' Mejju 1974.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti quddiemu,

Jghaddi biex jaqta’ u jiddeciedi dina l-vertenza billi

**Jilqa** t-talbiet tar-rikorrenti u

**Jordna** lill-intimati kif deskritti fl-avviz jittrasferixxu bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut bicca art f’Hal-Qormi tal-kejl ta’ 4,895.6 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana ma’ propjeta tas-sinjura Dolores Falzon, mill-Punent parti ma’ propjeta tas-Sur John Aquilina u parti tas-Sur Mario Testaferrata Moroni Viani u mill-Grigal u minn Nofsinhar ma’ propjeta ta’ Messrs Scicluna Estate u ohrajn u

**Jordna** lill-Awtorita tal-Artijiet sabiex ihallas kumpens lill-intimati kif deskritti fl-avviz is-somma ta’ **disat elef, seba' mija u wiehed u disghin Euro u ghoxrin centezmi (€ 9,791.20)** ekwivalenti ghal zewg Euro kull metru kwadru (€2.00/m.kw), oltre l-imghax lilhom spettanti a tenur ta’ l-Artikolu 12 (3) tal-Kap 88 fejn ghandu jigi puntwalizzat illi l-Awtorita tal-Artijiet hadet pussess ta’ l-art in kwistjoni fis 17 ta’ Mejju 1974.

**Jahtar** lin-Nutar tad-Dipartiment bhala Nutar tar-rikorrenti biex jippubblika l-att fis 27 ta’ Novembru 2017 fl-ufficju tar-rikorrenti u

**Jahtar** lill Dr Tanya Sammut Catania biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumacja.

Ir-rikorrenti ghandu jgharraf lill Dr Tanya Sammut Catania tal-hatra taghhom bil-miktub.

Ghalkemm jidher illi hemm trapass esagerat ta’zmien mid-data ta’ tehid sa llum, jidher ukoll illi l-intimati kienu wkoll kagun ta’ tali dewmien, u ghalhekk kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur